# Frak mill-istorja tal-Parroċċa

minn J.F. PORSELLA FLORES



*Il-faċċata monumentali tal-Knisja preżenti.*

Is-sena 1691 tinsab imnaqqxa u tista' tinqara fuq il-ħnejja tal-bieb iż-żgħir tal-knisja ta' S. Lawrenz. Fl-1991 għalhekk kien jaħbat it-tielet ċentenarju li ilha miftuħa il-knisja li nafu llum.

Fil-verità din hi ir-raba' knisja li nbniet f'ġieħ S. Lawrenz. L-ewwel waħda, li minn dejjem kienet tinsab fl-inħawi ta' dik tal-lum, kienu jsejħulha "S. Lawrenz ta' Ħammuna" billi fil-qedem il-Birgu kien magħruf ukoll "art Ħammuna", isem li ħadu mit-tempju ta' Ħammuna (alla falz) li fl-ibgħad żminijiet kien jinsab imwaqqaf wara Sant'Anġlu.

It-tieni waħda ġiet iffurmata billi twaqqgħu l-faċċati ta' kappelli iżgħar, ta' daqs u għamla differenti, li kienu jmissu ma' dik ta' S. Lawrenz. Din kienet wisq imxattra fil-għamla. Sar saqaf biex iffurmat ruħa korsija li għaqqdet dawn il-kappelli flimkien. Din kienet il-knisja mislufa lill-Ordni ta' San Ġwann fl-1530, ħadet l-isem ta' Konventwali.

Meta din inħarqet fl-1532, il-Gran Mastru Isle Adam malajr ordna t-tiswija. Il-korsija issa saret regolari, stil gotiku, b'saqaf ogħla jistrieħ fuq kolonni, u mżejjen bl-armi tar-Reliġjon u tal-Gran Mastru. Fi żmien l-Isqof Gargallo inbnew żewġ kappelli oħra. Din kienet it-tielet knisja.

Ir-raba' knisja, li nafu llum, taf il-bidu tagħha għas-sena 1681 fuq disinn tal-magħruf Lorenzo Gafà. L-ewwel ġebla tqegħdet fil-11 ta' Mejju mill-Isqof Molina. Sa l-1686 kienu lesti l-kor, il-kappelluni, u biċċa mill-korsija, kif ukoll il-koppla li kienet skudella biss (mingħajr tambur u twieqi) bħal dik tal-knisja ta' S.Lawrenz tal-belt ta' Firenze, fl-Italja. Il-faċċata nbniet fuq disinn ta' Romano Carapecchia li ftit snin wara, fi żmien il-Gran Mastru Perellos, kien inħatar Arkitett Ewlieni ta' l-Ordni. Id-disinn li serva ta' mudell għal faċċati ta' knejjes oħra; jinsab fil-Courtauld Museum ta' Londra. Fuq il-bieb il-kbir tal-knisja hemm irħama bis-sena 1696 imnaqqxa fiha. Din kienet is-sena meta tlesta x-xogħol; iżda l-knisja nfetħet uffiċjalment fl-10 ta' Awissu 1697 jum li fih il-Gran Mastru

Perellos żar il-knisja u ħa wkoll l-pusses tal-Belt Vittoriosa.

Fl-1891, fost il-membri tal-kleru tal-parroċċa tagħna niltaqgħu ma' tlieta li għandhom rabta ma' din is-sena:

Id-Djaknu Emmanuele Gatt Flores ġie ordnat Saċerdot fid-19 ta' Diċembru ta' dik is-sena. Inħatar Ċerimonjier tal-Kapitolu u fl-1901 laħaq Kanonku Primiċerju tal-Kolleġġjata. F'Ħal Qormi, fejn kien hemm Viċi Parrokku ħuh, Dun Ġwann Porsella, kien attiv favur iż-żgħażagħ: hemm fetaħ id-Domus tal-Ġuvintur (illum ngħidulu Youth Centre) u kien jieħu ħsieb ukoll il-Boy Scouts. Fil-Birgu kien jieħu ħsieb il-knisja tal-Madonna ta' Montserrat, magħrufa bħala l-knisja tat-Trinità, u bil-permess ta' l-Isqof kien waqqaf, fl-1896, l-Kongregazzjoni tat-Trinitari. Baqa' b'dan il-kanonikat għal ħamsin sena sa l-1951 meta miet ftit xhur qabel ma għalaq sittin sena saċerdot.

Fl-istess ġurnata il-Kjeriku Giovanni Maria Farrugia ġie ordnat Suddjaknu. Dari konna ngħidu "rabat" għax bħala suddjakonu kien ikun meqjus li diġà jagħmel parti mill-presbiterjat li minnu ma jistax jinħall. Dun Ġann Marì ġie ordnat saċerdot f'Diċembru 1892 u fl-1900 ħa l-pussess ta' Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata. Għamel żmien Segretarju tal-Kapitolu. Kien ukoll kappillan tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarju ta' l-Eġittu (tal-Karmnu). Bil-ħidma tiegħu saru diversi opri artistiċi fil-knisja ta' S. Lawrenz. Kien kittieb ta' l-istorja, l-iktar fejn jolqot il-Birgu, u Membru Akkademiku ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Miet fl-istess kanonikat ta' Teologu fl-1953 wara ħajja attiva ta' 60 sena saċerdozju.

Il-Kjeriku Rafel Mazzelli ukoll ġie ordnat Suddjaknu fid-19 ta' Diċembru 1891, u Saċerdot fil-Milied tas-sena ta' wara. Għal xi żmien anki hu kien jieħu ħsieb il-knisja tat-Trinità. Kien Kuġitur tal-Kanonku Fenech u laħaq Kanonku Teżorier warajh, fl-1906. bħal Fenech Dun Rafel kien iħobb ħafna l-mużika u wiret mingħandu l-kompożizzjonijiet sagri tiegħu. Minbarra li kien organista, kien jidderiġi l-mużika. Kien jieħu ħsieb iż-żgħażagħ billi waqqaf għalihom id-"Domus" fi Triq Desain (fejn illum hemm il-Vittoriosa Stars F.C.) u kull sena fi żmien il-Milied kien jieħu ħsieb jarma presepju mill-isbaħ. Niftakruh ukoll prokuratur tas-Sorijiet ta' Santa Skolastika. Fl-1942 laħaq Maestro di Cappella; dam f'din il-kariga, u f'dik ta' Kanonku Teżorier sakemm miet fl-1950 wara 58 sena ta' saċerdozju.

## Ħil-Ħerba tat-Tieni Gwerra Dinjija

Dun Pawl Galea, li dak iż-żmien kien Vigarju Kurat, ittrasporta s-sagrament fil-kappella tal-Pulizija li kienet tinsab fil-wesgħa bejn Couvre Porte u Advanced Gate, u li serviet ta' knisja parrokkjali sakemm il-knisja ta' S. Lawrenz reġgħet infetħet għall-kult tal-fidili, wara li nhar is-16 ta' Jannar, din sofriet ħsarat kbar.

Kif wieħed jista' jobsor fil-gwerra ma ġietx ċelebrata l-festa esterna ta' S. Lawrenz. Iżda fl-10 ta' Awissu Dun Pawl ma naqasx li jiċċelebra l-funzjoni liturġika tal-quddiesa ta' S. Lawrenz mill-aħjar li seta'. Waħda mill-istatwi ta' S. Lawrenz li kienet tintrama f'tarf Triq Britannika tqegħdet fil-kappella b'sens ta' devozzjoni lejn il-qaddis.

Imma ċelebrazzjoni tassew xierqa kienet saret fil-knisja tas-Sorijiet Benedittini, l-Imdina, fejn l-aħwa Ġużeppi u Lorenza Dalmas, kienu tqabbdu jtellgħu l-istatwa devota ta' S. Lawrenz biex iħarsuha mill-periklu tal-gwerra. F'dak il-monasteru kienu marru rifuġjati is-sorijiet ta' Santa Skolastika tal-Birgu. Fl-Imdina u r-Rabat kien hemm rifuġjati wkoll xi Kanonċi: Dun Rafel Mazzelli, Dun Lawrenz Micallef u Dun Ġużepp Farrugia. In-nies tal-Birgu li evakaw ruħhom hemm kienu, naħseb, iżjed numerużi minn dawk li baqgħu l-Birgu.

Għaldaqstant fil-kalma relativa ta' l-Imdina, il-bogħod mit-"target areas" ġiet ċelebrata b'ċertu entużjażmu il-festa liturġika (interna) ta' S. Lawrenz, bil-Għosrien u l-Quddiesa. Il-kant kien ġie esegwit mill-istess Sorijiet. Kwantità ta' xemgħa kienet itxgħel quddiem l-istatwa tal-Levita Martri S. Lawrenz sabiex bl-interċessjoni tiegħu il-Mulej jixħet il-ħarsien tiegħu fuq il-belt Vittoriosa, bħal fi żmien l-assedju l-kbir ta' l-1565, kif hemm imfakkar fuq il-Main Gate; "Obumbrasti super caput meum in die belli".